C/2025/944

6.2.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

Każ M.11845 – INFRAVIA / ILIAD / OP CORE

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/944)

1. Fit-30 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Iliad S.A. ("**Iliad**"), ikkontrollata minn Niel Family Group ("**NFG**"), Franza,

— InfraVia VI Invest S.a.r.l. ("**InfraVia**") ikkontrollata minn InfraVia Capital Partners SAS u l-affiljati kkontrollati tagħha ("**InfraVia Capital Partners**"), il-Lussemburgu.

Iliad u InfraVia se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' OP Core ("**OP Core**" jew "**il-Mira**", Franza), bħalissa kkontrollata minn Iliad.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Iliad tipprovdi servizzi ta' telefonija fissa u mobbli, aċċess għall-internet u servizzi ta' hosting,

— InfraVia hija kumpanija ta' investiment, li taġixxi bħala kumpanija ta' ġestjoni ta' tali fondi ta' investiment li huma speċjalizzati fis-setturi tal-infrastruttura u tat-teknoloġija.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża OP Core huma dawn li ġejjin: servizzi ta' pjattaforma ta' ċentri tad-data, inkluż il-konċepiment, il-kostruzzjoni, l-installazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, kif ukoll aċċess għar-riżorsi tan-network u għall-infrastruttura taċ-ċentri tad-data, inklużi l-proċessi tal-enerġija u tat-tkessiħ, u s-sigurtà taċ-ċentru tad-data.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11845 – INFRAVIA / ILIAD / OP CORE

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË